# Mejju

## Rużarju flimkien fil-familja



- Ir-Rużarju "hu l-konsenja li l-Madonna ħalliet anke fid-diversi dehriet tagħha" (Benedittu XVI, 7 Ottubru 2007).
- Minkejja s-sekolariżmu, id-dinja tħoss bżonn kbir tat-traxxendenza, tas-silenzju, tal-kuntatt mad-divin. Ħafna għadhom jitolbu r-Rużarju.
- Ir-Rużarju m'huwiex il-punt tat-tluq fil-mixja tal-fidi; hu l-punt tal-wasla. Jiġifieri meta wieħed jirnexxilu tassew jitlob bir-Rużarju, ifisser li jkun diġa' għamel parti sewwa tal-mixja ta' fidi.
- Mingħajr talb, ma teżistix fidi. Il-Kardinal Newman iddefinixxa r-Rużarju "kredu magħmul talba".
- Ġenituri, agħmlu minn djarkom skola ta' talb. X'eżempju mill-aqwa meta titolbu ta' kuljum flimkien ma' wliedkom it-talba tar-Rużarju, tant għażiża għall-Omm tagħna tas-sema.
- Ir-Rużarju huwa talba *ma'* Marija. Hu għalhekk talba kristoloġika. Fiċ-ċentru tar-Rużarju, hemm personaġġ: Ġeu' Kristu. Ir-Rużarju jippermettilna li nħarsu lejn u nikkontemplaw l-Iben ta' Alla bl-għajnejn ta' Marija. Hi teħdilna f'idejna u tmexxina pass pass filli nikkunsidraw il-ħajja ta' Ġesu'.

***Dun Edward Xuereb, Kappillan tal-Parrocca ta' l-Ghasri***

## Jistgħu jinteressawk

**Il-Ħamis 1 ta' Mejju:** Festa ta' San Ġużepp Ħaddiem u Jum il-Ħaddiem.
**Il-Ħadd 4 ta' Mejju:** Solennita' ta' Tlugħ il-Mulej fis-Sema u it-42 Jum il-Mezzi ta' Komunikazzjoni Soċjali.

*gozopress • 21551534*

## It-Talba tal-ġimgħa



*San Ġużepp, li ħarist u rabbejt il-familja tiegħek bix-xogħol ta' jdejk, kompli ħares lill-ħaddiema kollha ta' l-id u tal-moħħ.*

Djoċesi ta' Għawdex



# Bullettin tal-Ħadd

Is-6 Ħadd tal-Għid • Sena A • Id-39 Sena (2040) • 27 ta' April 2008

**Mill-Evanġelju ta' San Ġwann**
***(Gw. 14, 15-21)***

F'dak iż-żmien Ġesu' qal lid-dixxipli tiegħu : "Jekk tħobbuni, tħarsu l-kmandamenti tiegħi. U jiena nitlob lill-Missier, u hu jagħtikom Difensur ieħor biex jibqa' dejjem magħkom, l-Ispirtu tas-sewwa, li d-dinja ma tistax tilqgħu, għax hija la tarah u lanqas tagħrfu. Iżda intom tagħrfuh, għaliex igħammar magħkom, u huwa fikom. Ma nħallikomx iltiema. Nerġa' niġi għandkom. Ftit ieħor, u d-dinja ma taranix aktar. Iżda intom għad tarawni, għax jiena ngħix, u intom ukoll għad tgħixu. Dak in-nhar intom tagħrfu li jiena f'Missieri u intom fija u jiena fikom. Min għandu l-kmandamenti tiegħi u jħarishom, dan hu li jħobbni; u min iħobbni, ikun maħbub minn Missieri, u jiena nħobbu u nurih lili nnifsi lilu."

**RIFLESSJONI**

- Qed nifhem li l-isforz li nagħmel biex inħares il-kmandamenti ta' Alla huwa att ta' mħabba lejn Alla ?
- Ġesu' lil dawk li jħobbuh jagħtihom Difensur biex iqawwihom quddiem d-diffikultajiet.
- Nifhem li jien għamara ta' l-Ispirtu s-Santu ?
- Qed napprezza dan ir-rigal li tana Ġesu biex ma' jħallini qatt waħdi ?
- Ngħix taħt it-tmexxija tiegħu ?

